MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VINCENT GALEA

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2014

Talba Numru. 47/2013

**Victor VELLA**

**Vs**

**Victor ABELA**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tar-rikorrenti mressqa fit-13 ta' Novembru, 2013** u li permezz taghha talab lill-intimat jhallsu s-somma ta' tlett mitt euro [€300] u dan wara li ppremetta hekk:

"Illi l-konvenut huwa debitur fil-konfront ta' l-attur fis-somma ta' tlett mitt euro (€300) rapprezentanti bilanc dovut ghal tiswijiet fuq vettura, liema tiswijiet gew rezi lill-konvenut fuq inkarigu tieghu u x-xoghol esegwit gie minnu accettat;

Illi l-konvenut jinsab interpellat wkoll sabiex ihallas l-imghaxijiet skond il-ligi.

Illi minkejja diversi interpellazzjonijiet, il-konvenut baqa inadempjenti.

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex m'ghandux dan l-Onorabbli Tribunal:

Jikkundannah ihallas l-ammont ta' tlett mitt ewro (€300), rapprezentanti bilanc dovut ghal tiswijiet fuq vettura rezi lilu fuq inkarigu tieghu stess, kif ukoll l-imghaxijiet skond il-ligi.

Bl-ispejjez, inkluza VAT, u dawk ta' l-ittra interpellatorja ta' Awwissu, 2013 u bl-ingunzjoni tal-konvenut minn issa ghas-subizzjoni".

Ra li l-intimat gie debitament notifikat bit-talba u l-avviz tas-smiegh fit-28 ta' Novembru, 2013 skond il-ligi u ma deherx ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal illum.

Ra d-digriet ta' astenzjoni fil-miftuh tal-Gudikatur li jippresjedi solitament dan it-tribunal fil-Gzira ta' Ghawdex nhar is-7 ta' Jannar, 2014;

Ra li ghas-seduta tal-lum, l-intimat baqa ma deherx quddiem it-Tribunal kif issa diversament presedjut.

Semgha x-xhieda tar-rikorrenti Victor Vella.

It-Talba ġiet posposta ghas-sentenza ghal-lum stess.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, r-rikorrenti qieghed jitlob il-hlas, minghand l-intimat tas-somma ta' tlett mitt euro [€300] rapprezentanti bilanc dovut ghal tiswijiet fuq vettura proprjeta ta' l-intimat.

Ikkunsidra;

2. Ir-rikorrenti xehed llum stess li l-ammont reklamat minnu ta' tlett mitt euro [€300] ghadu dovut fl-intier tieghu mill-intimat.

Ikkunsidra ulterjorment;

3. Illi l-paragrafu (a) tas-sub-artikolu (2) ta' l-artikolu 9 tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi testwalment hekk:

*(2) Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (21), ġudikatur –*

(a) *Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda;*

4. Imbaghad il-paragrafu (b) ta' l-artikolu 13 tal-Kapitolu 380 jipprovdi hekk:

*Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu:*

*(b) <u>Jekk il-konvenut jonqos li jidher</u>, il-gudikatur <u>jista</u> jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis.* (sottolinejar tat-Tribunal).

5. Illi minn qari ta' l-ahhar disposizzjoni hawn fuq imsemmija jirrizulta li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal ġurnata ohra sabiex jisma lill-intimat f'kaz li dan ma jidhirx quddiemu.

6. Fil-kaz odjern, l-intimat gie notifikata fit-28 ta' Novembru, 2013 u la deher quddiem dan it-Tribunal kif

diversament ippreseduta u lanqas quddiem dan it-Tribunal kif issa presedut.

7. Jirrizulta li t-talba tar-rikorrenti hija fondata u li ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li intqal mir-rikorrenti ma ghandux mis-sewwa.

8. Illi ghalhekk, in vista tal-provi ppreżentati quddiemu, it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jiddikjara li l-ammont mitlub mir-rikorrenti huwa dovut mill-intimat.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tar-rikorrenti kif kontenuta fit-Talba taghha u konsegwentement jikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti s-somma ta' tlett mitt euro [€300] bl-imghaxijiet legali u l-ispejjez kif mitluba.

L-ispejjez huma kollha a kariku tal-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------